**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Diċembru, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**-vs-**
**Bernard Schranz, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0149163M**

*Kumpilazzjoni Nru.69/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Bernard Schranz u ċioe` talli:

> Nhar il-31 ta' Dicembru 2022, għal ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30am), ġewwa Triq Vittorio Cassar, Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' Felix Mifsud f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi, hekk skont ma ġie ċċertifikat minn Dr Kimberly Caruana M.D. (Reg. No. 3915) minn MDH u bi ksur tal-artikoli 214, 215 u 216 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Ukoll talli nhar il-31 ta' Dicembru 2022, għal ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30am), ġewwa Triq Vittorio Cassar, Birkirkara, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' għamel ħsara fuq in-nuċċali tal-vista, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (euro 2,500) iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin euro (Euro 250) u li saru għad-dannu ta' Felix Mifsud u/jew ta' persuna jew persuni oħra.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew perit fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' imsemmi Felix Mifsud u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Mejju, 2023,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

Fl-Artikoli 17, 214, 215, 216 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 17, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2023 l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**<u>IL-PROVI</u>**

L-**Ispettur Clayton Camilleri** spjega li fil-31 ta' Dicembru 2022, sar rapport l-Għassa ta' Birkirkara minn Felix Mifsud li ġie aggredit minn ċertu Bernard Schranz li ttieħdietlu stqarrija 12 ta' Jannar 2023.

L-ispettur esebixxa diversi dokument li għaddielu Mifsud,[3] *inter alia*, nota li sab Mifsud mal-vettura tiegħu li fiha jingħad *"DO NOT TOUCH THIS BIKE AGAIN!"*[4]
**PS 918 Clayton Azzopardi** spjega li fil-31 ta' Dicembru tas-sena 2022, għal ħabta tal-10:55am, mar l-għassa Felix Mifsud li infurmah li kien għadu kemm qala xeba' mingħand il-ġar tiegħu. Azzopardi mill-ewwel jinnota li *"kellu xi*

[1] Fol.95
[2] Fol.97
[3] Fol.76
[4] **Dok.CC** a fol.79

*demm ħiereġ mill-parti ta' vicin l-għajn tiegħu tal-leminija"*.[5] Bernard Schranz ukoll mar l-għassa għaliex qal li ried jagħmel rapport għaliex **kien urtat li l-ġarr tiegħu misslu l-mutur mingħajr permess**. Hemmhekk wissieh li kien hemm rapport ta' ġrieħi possibbilment gravi fejn b'konsegwenza ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu. Aktar tard wara li l-Pulizija ġiet nfurmata li l-ġrieħi kienu ta' natura gravi, ittieħdet dikjarazzjoni aktar dettaljata ta' Mifsud.[6]

Wara li l-vittma kien informa lill-Pulizija li l-ġrieħi kienu ġew ċertifikati ta' natura gravi, is-Surġent ha l-verżjoni tal-vittma u kien ukoll għamel kuntatt mal-imputat sabiex imur l-għassa għall-istqarrija.

Mill-**Current Incident Report,**[7] li ġie konfermat minn **PS918 Clayton Azzopardi,**[8] jingħad kif fil-31 ta' Dicembru 2022 għal ħabta tal-10:55 ta' filgħodu, l-vittma kien mar ġewwa l-għassa tal-Pulizija fejn deher li kellu ***"xi ġrieħi evidenti ġol-parti ta' wiċċu eżattament mal-għajn il-leminija u kif ukoll xi demm ħiereġ mil-wiċċ u l-parti tal-istess għajnejn".*** Mifsud stqarr li kien għadu kemm ġie aggredit minn ġarr tiegħu.[9]

Il-vittma stqarr mas-Surġent kif fil-jum ta' qabel, x'ħin mar biex jipparkja fi Triq Vittorio Cassar, B'Kara, lemaħ il-mutur tal-imputat BCR608, jimblokka żewġ parkeġġi. B'hekk mexxa l-mutur biex ikun jista' jipparkja l-vettura tiegħu. Dakinhar filgħodu mar fuqu l-imputat *"sabbatlu fuq il-bieba, harġu mill-van tiegħu bik-forza u aggredih".*

Ftit tal-ħin wara mar l-Għassa Schranz li ried jaghti l-verżjoni tiegħu fejn stqarr *"illi kien <u>urtat</u> talli l-kwerelant kien mexxilu l-mutur tiegħu".*[10]

Aktar tard fl-istess jum, Mifsud spjega mas-Surgent kif hekk kif ħareġ mid-dar, ra l-imputat sejjer lejn ir-residenza tiegħu. Daħal ġol-vann u f'salt wieħed rah qrib il-*windscreen*: *"Huwa qalli hallejtlek nota bil-pulit biex il-mutur ma tmissux u jien ghidtlu ma rajt xejn u jekk tipparkja sew il-mutur mandiex ghalfejn imissu. Dak il-hin fetahli l-bieba tiegħu u taghni l-istess nota li kien qalli dwara u sabbatli l-bieba. Huwa* ***rega fetah il-bieba tieghi u harini bil-forza minn ġol-van tieghi. Nehhili n-nuċċali bl-addocc minn wicchi, qabadni minn wara, rassni miegħu. Idu jew xi swaba minn idu tal-lemin dahhala f'ghajnejja tal-lemin u beda jafas u f'idu tax-xellug kellu cavetta flimkien ma mazz cwievet u beda jheddidni bic-***

[5] Fol.67
[6] Fol.68
[7] Fol.72 et seq
[8] Fol.69
[9] Fol.73
[10] Ibid.

***cavetta ma' ghajnejja l-oħra li kien ser jaqlali ghajnejja waqt li beda jafas kemm jiflah ghajnejja l-oħra b'subghajh"*[11]**.

Il-verżjoni tal-vittma tgawdi minn affidabbiltà hekk kif tagħti dettalji importanti oħra li turi l-viċinanza li sabu għajnejh maċ-ċwievet tal-imputat li qatt ma jista jkun hemm raġuni plawsibbli għalfejn kellu javviċinaw wiċċ jew l-għajn ta' Felix Mifsud: *"ma kienx hemm hafna cwievet madwar erbgha u possibilment wahda minnhom tal-vettura Nissan, niftakar ukoll li kellu tag tac-cwievet minn awn tal-plastic li tikteb fuqhom u kienet skura. Dak il-ħin irnexxilei nwaqqalu c-cwievet u dhalt ġol-van tiegħu u bqajt gej l-għassa....Wara nduanjt ukoll illi n-nuċċali tieghi kien inkiser ukoll u tawweg f'dan l-argument. Jiena zgur qatt ma pruvajt inhebb għalih huwa fih hafna iżjed minni u huwa ġie ghalija jien kont sejjer għal affari tieghi".*[12].

Ir-rakkont *a tempo vergine* ta' Mifsud għandu mis-sewwa għaliex jaghti dettalji li huma korroborati bil-provi tal-ġrieħi li sofra. Hu minnu wkoll id-differenza bil-wisq evidenti fl-istatura u *build* taż-żewġ persuni. Mifsud raġel qsajjar u ta' *build* diskreta filwaqt li l-imputat hu twil statura robusta u fih raġel. Fil-fehma tal-Qorti ma tgawdix mis-sewwa il-verżjoni li xi darba Mifsud seta' jgħaddilu minn moħħu iħebb għal Schranz jew ifittex xi alterkazzjoni miegħu! Tant hu hekk li Mifsud fil-vettura tiegħu kien meta avviċinah Schranz, fetaħlu l-bieba biex waddablu l-karta!

Dettal ieħor jemana propju minn dak li Schranz stess qal lis-Surġent 918[13] *a tempo vergine* u cioe li kien **urtat**. Ġaladarba Mifsud kien qiegħed ġol-vann bilfors seħħ xi ħaġa li ġegħlitu joħroġ mill-kumdità u sikurezza tal-vettura tiegħu biex minflok jikkonfronta raġel urtat tal-istatura ta' Schranz.

**Felix Mifsud** jixhed *viva voce* u beda biex jgħid kif wara li fit-30 ta' Dicembru 2022, irritorna d-dar mix-xogħol xi 11.30pm, beda jfittex parkeġġ iżda ma sabx fejn jipparkja. Lemaħ il-mutur tal-imputat li kien qiegħed jokkupa żewġ parkeġġi f'daqqa, għalhekk ressaq il-mutur tal-imputat, ipparkja l-vettura tiegħu, u mar jorqod.[14]Ikompli:

> *"L-ghada filgħodu qomt tard fit-tmienja u nofs fl-ghaxra hrigt, l-għaxra u nofs hrigt u jien u ħiereġ il-bieb rajtu s-Sinjur qed jaqsam it-triq normali uh xejn specjali. Mort għal ġol-van tieghi u sa kemm qed nixghelu l-wipers fetahli l-bieba qalli hallejtlek nota. Ma rajtiex*
> *Qorti :Ghidtlu ma rajtiex*

---

[11] Fol.74
[12] Ibid.
[13] Fol.73
[14] Fol.18-19

*Xhud : Ma rajtiex……Rega' fetah, qabadha minn fuq il-lastku tal-bieba hekk qalli hawn ara fejn hi. Qalli l-mutur qalli tergax tmissu. Ghidtlu pparkja sew ghidtlu mhux sew li jiena m' ghandiex fejn nipparkja u inti giex parkings għal bicca mutur*

*Qorti :Il-mutur kien qiegħed f' parking ta' mutur ?*

*Xhud : Le parking ta' giex karozzi. Parking ta' mutur ghandu quddiem il-bieb vojt anzi addirittura giex parkings ta' mutur quddiem il-bieb tas-Sinjur dejjem vojta. Ghidtlu pparkja sew u jien m' ghandiex ghalfejn imissu.* ***Sabbat il-bieba rega' fetahha harigli, hatafli n-nuċċali minn wicci. Rasni miegħu***

*Qorti :Kif ?*

*Xhud :* ***Bhal ta' King Kong rassni miegħu hekk***

*Qorti :hanwhekk qed jaghmel* ***an embracing move***

*Xhud : Dan is-subgha,* ***wiehed minn dawn is-swaba ġew f' ghajnejja hawn … bejn imniehri u ghajnejja… Bejn l-imnieher u l-għajn fil-corner fejn hemm il-laham….U b' dawn l-idejn l-oħra kellu sett ta' cwievet u beda jheddidni li b' din ic-cavetta ha jaqlali ghajnejja****. Ma domniex hafna. ….Beda jghidli* ***b' din ha nifqalek hawnhekk, b' dawn nifqalek ghajnejk….Bic-cwievet kellu 4 cwievet f' idejh*** *wahda minnhom daqsxejn kbira nahseb tal-karozza . U rnexxieli ntajjarlu c-cwievet, hrigt minn hemmhekk, gbart in-nuċċali minn mal-art dhalt fil-van u soqt. …* ***In-nuċċali waddabuli fl-art mal-ewwel, ghafgu. In-nuċċali qabaduli hekk u wadbu mal-art***

*Qorti :Hawnhekk qed tghid ghamiluli hekk meta qabdu b' idejh catt, qabad in-nuċċali hatfu grasped it*

*Xhud :* ***Gorilla style***

*Qorti :All right*

*Xhud : U spiccajt l-Ghassa. Kif mort ghamilt rapport l-Ghassa rani l-Pulizija dak il-hin qalli mur l-iSptar qalli għal kura. Qalli ha ngibdlek l-ambulanza. Ghidtlu le ghidtlu mmur. U mort Mater Dei kien hemm kju tal-biza'. Mort il-policlinic tal-Mosta."*[15]

Fir-rigward tal-ġrieħi tal-ġarrab, il-vittma jispjega b'onesta li ghalkemm dakinhar ma kienx qed jara sew għaliex il-viżjoni kienet *blurred, "wara ġimgħa kollox normali gejt*[16]*.... wara ġimgħa kollox normali gejt....għajn wahda imma hdimt... Anke mort ghax-xogho lma stajtx nieqaf. Certu xogħol li fih it-trab ma hdimtux...jien nahdem mal-MDP ma nistax nghidlu tohrogx halib ghax qiegħed sick". Jispjega li New Years Day ma kienx sew iżda "l-bqija suq u mexxi".*[17]

Għalhekk jintwera kif Mifsud ma jippruvax isebbaħ il-verżjoni tiegħu biex jirrendi l-azzjoni tal-imputat aktar gravi. Anzi bla tlaqliq jiddikjara li l-effetti li sofra kienu relattivament minuri; sa ġimgħa wara l-vista irritornat għan-

---

[15] Fol.19-21

[16] Fol.22

[17] Fol.31

normalità. Xejn ma waqqfu milli jkabbar l-affari, iktar u iktar meta diffiċilment jiġi kkonstatat mod ieħor kieku għażel jgħaġġiba u jgħid li l-konsegwenzi ipperduraw għal aktar. Iżda minflok, u skond is-sewwa, qal il-verità mingħajr esaġerazzjoni u mingħajr ma prova jattribwixxi gravità għal dak li għadda minnu.

Mifsud ikkonferma ċ-ċertifikati mediċi li nħarġulu kif ukoll l-istima tal-hsarat għan-nuċċali li kellu jinbidel.[18]

L-imputat **Bernard Schranz**[19] għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda w spjega kif fil-31 ta' Diċembru 2022, meta wasal id-dar, sab il-mutur li kien poġġieh b'mod li jokkupa l-*parking bay* intera, imċaqlaq. Ħdejn il-mutur li issa kien barra mill-*bay*, kien hemm il-vettura ta' Mifsud. Ikompli:

> *"kif kont gej id-dar narah gej lejn il-karozza u jiena mort u approwcjajtu u ghidtlu li din diga grat qabel u hu kien jaf u ghidtlu speci biex il-mutur tieghi ma jmissux u sfidani u qalli: "Il-mutur tieghek ha nerga nressqu u naghmel il-karozza tieghi minflok tieghek, minflok il-mutur tieghek u inti m ghandekx dritt tipparkja hawnhekk ghax hemm motorcycle bay iktar l-isfel." ... Kien pastaz mieghi jigifieri in the way he kind of addressed me u sfidani jigifieri it was very clear jigifieri l-kliem kien: "Jiena naghmel li rrid u ha ngibek fejn irrid u l-mutur tieghek ser inressqu u ha nipparkja l-karozza tieghi." Maybe not using those exact words but that was the gist of x' jismu u jiena dak il-hin sabbat il-bieba. X' hin sabbat il-bieba dan ipprova johrog ghalija. Kif kien ha johrog ghalija waqa` ghax ma tantx kien hemm spazju bejn il-karozza u l-bankina u kien ha jaqa` u jiena zammejtu attwalment milli jaqa`. Ghalkemm kont irrabjat mieghu ma ridtux iwegga u jigifieri dan kien qiegħed b' dahru lejja u dan ipprova jigdimli jdejja u jiena ressaqt idejja u ma nafx jigifieri x' gara ghax jiena ma kont qed nara xejn and I was defending myself u issa gejt li qisni jiena kont l-aggressur and that is basically what happened. In-nuċċali ma messejtulux, sa fejn naf jien in-nuċċali nehhieh hu minn għajnejh fil-fatt qed tifhem. Zgur illi n-nuċċali m ghamiltlu xejn and I am saying this under oath and I know what I am saying u naf ghalfejn ghax* ***rajt in-nuċċali u c-cwievet tieghi hdejh so I was careful that when I released him*** **[***Qorti: "You released him?" ] Jigifieri ghax jien kont qed inzommu u when I released him* ***I was careful li jien ma nirfisx in-nuċċali jew c-cwievet tieghi****. Li kieku jiena ridt inkun vendikattiv kont insabbat saqajja fuq in-nuċċali u nkissirulu jigifieri very evidently I did not."*[20]

Jekk Mifsud kien **b'dahru lejn Schranz kif qatt seta' jipprova jigdmu Mifsud**? Kif qatt kien dan possibbli meta Mifsud u ferm iqsar minn Schranz? Sinjal li

[18] Fol.24-25
[19] Fol.98
[20] Fol.99

Schranz ressaq idejh viċin ħalqu u biex iżomm bniedem, iktar u iktar qsajjar minnu, b'dahru lejh, il-wiċċ u l-ħalq ma kellux għalfejn javviċinahom; jekk ried iżommu kien mistenni li jaqbdu mid-driegħ jew minn taħt l-idejn. Schranz lanqas jipprova jaghti spjegazzjoni kif fil-fatt prova jżomm lil Mifsud milli jaqa; x'azzjoni għamel biex jipprevjeni l-waqa!

Ftit jagħmel sens li meta Schranz kien għadu kemm fetaħ il-bieba tal-vettura ta' Mifsud b'**rabja**, għaffeġ in-nota, waddabilu ġewwa l-vettura tiegħu u, meta fi kliem Schranz, kien Mifsud li ħareġ għalih u Mifsud **kien** ser jaqa, hu (Schranz) ipprova jgħinu meta *"**kont irrabjat mieghu**"!!* U b'din l-ispjegazzjoni monka, kif jispjega l-imputat li l-mazz ċwievet tiegħu spiċċaw ġew *close-up* ma għajnejn Mifsud?

Kemm tassew aktar jagħmel sens dak li jixhed il-vittma meta jsemmi l-kliem li ntqalu mill-imputat hu w jheddu biċ-ċwievet ma għajnejh li spiċċa sofra ġrieħi fihom: *"**U b' dawn l-idejn l-oħra kellu sett ta' cwievet u beda jheddidni li b' din ic-cavetta ha jaqlali ghajnejja**. Ma domniex hafna. ….Beda jghidli **b' din ha nifqalek hawnhekk, b' dawn nifqalek ghajnejk….Bic-cwievet kellu 4 cwievet f' idejh** wahda minnhom daqsxejn kbira nahseb tal-karozza."*[21]

Kemm hi veritjiera x-xiehda ta' Mifsud kuntrarjament għall-verżjoni fabbrikata minn Schranz!

Ikkunsidrat,

Ghalkemm għalhekk il-Qorti qed tiġi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, hu ben assodat fil-ġurisprudenza li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni. Huwa fil-mansjoni tal-ġudikant li jipprova jasal għal min qed jgħid il-verità' miċ-ċirkostanzi u l-assjem tal-provi l-oħra. U dan in omaġġ ta' dak li jipprovdi l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali li xhud wieħed biss, jekk emmnut, huwa biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat:[22]

> Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:
> "Fi kliem ieħor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz ieħor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien

[21] Fol.20

[22] **Il-Pulizija v. Charlton Chetcuti**. Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna. Deċiża nhar l-10 ta' Marzu, 2006. Numru 127/2006

> hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tiġi emmnuta mingħajr ma jiġi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkużat, u jekk tali versjoni setghet tiġi emmnuta w evidentement ġiet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."
>
> Jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar.[23] U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".[24]

L-imputat ikompli bil-verżjoni inverosimili fejn jimplika li minflok ma Mifsud baqa' fil-karozza u fis-sigurtà li setgħet f'dak il-ħin toffrilu, ħareġ għal Schranz biex jikkonfrontah, tfixkel u Alla jbierek ghalkemm kien irrabjat sew għalih xorta ipprova jżommu milli jaqa'?!?

Interessanti l-kelma li taħrab minn fomm Schranz, *"I released him"* li jfakkar kif Mifsud semma li dan ***"Bhal ta' King Kong rassni miegħu hekk".***[25] Tenut kont tax-xiehda li Schranz jagħti jidħol fil-impossibilità li jispjega il-ġrieħi li attwalment ġarrab Mifsud.

Meta mar l-għassa fl-ebda ħin ma semma li Mifsud kien ipprova jigdmu. Lanqas ma informa lis-Surġent meta ġie mgħarraf li Mifsud sofra ġrieħi gravi li dawk sofrihom għaliex kien waqa jew li hu prova jilqgħu.

Sa tnax il-jum wara meta ġie interrogat, lanqas semma xi dettal simili. Issa għalkemm wieħed għandu d-dritt tas-silenzju, hu fatt minn għewl id-dinja li persuna li tiġi attribwita xi akkużata intortament, tagħmel minn kollox biex tevita l-għatba tal-Qorti u mal-ewwel opportunità tbiegħed kull dell ikrah minn fuqha minflok tagħmilha tal-martri, tħalli li jinbdew proċeduri kontriha bl-inkonvenjenzi, telf ta' ħin u spejjez li indubbjament iġib miegħu kull proċess penali, biex tagħti l-verżjoni tagħha meta tista' teżimi ruħha minn kull responsabbiltà kriminali mill-ewwel, *nipping it in the bud!*

Ix-xiehda niexfa tal-imputat tikkontrasta bil-ħafna ma dik dettaljata li jaghti l-vittma. Mifsud jirrakkonta sekonda b'sekonda dak li seħħ, tant l-imputat ressaq iċ-ċwievet tant viċin għajnejh li Mifsud jiddeskrivihom dettaljatament. Mhux ta' b'xejn sofra laċerazzjoni fir-rokna tal-għajn fejn il-kappell tal-għajn imiss

[23] Ara artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali

[24] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957

[25] Fol.19

mal-parti t'isfel. Il-verżjoni ta' Mifsud tiġi sostanzjata propju mix-xiehda ta' Schranz li jiddeskrivi li kien irrabjat għalih, li kien hu li ħebb għalih u ikkonfrontah meta fetaħlu l-bieba tal-vettura.

Il-Qorti issib li huwa Felix Mifsud li jgawdi dik l-affidabbiltà. H biss ix-xiehda tiegħu li hi *safe and satisfactory*. Il-verżjoni ta' Mifsud, sa minn meta taha għall-ewwel darba dakinhar tal-aggressjoni, ma nbidlitx, baqgħet konsistenti minkejja t-trapass taż-żmien. Hi waħda li ma tħalli l-ebda dettal, minuri kemm hu minuri barra. Bla tlaqliq ingħad kif minkejja li ġie aggredit minn Schranz, ma kabbarx l-effetti li tali aggressjoni ħalliet fuqu. Għamel jum ma jarax imma kompla bil-ħajja għal ġimgħa sa kemm il-viżta tiegħu reġgħet ġiet għan-normal.

Li kieku kien minnu li Mifsud waqa, qatt ma seta' jsofri il-ġrieħi li fil-fatt sofra għax it-trawma kienet tkun mal-wiċċ u mhux fid-daħla l-iktar fonda tal-għajn, fejn tinħtieġ xi forma t' penetrazzjoni aktar il-ġewwa mill-kumplament tal-għamla linejari tal-wiċċ. Bil-verżjoni li jaghti Mifsud juri biċ-ċar li l-għemil ta' Schranz kif deskritt minnu biss seta' jwassal għal ġrieħi mġarrba minnu.

Il-karattru ta' Schranz jimpingi fuq il-valur probatorju li din il-Qorti lesta tagħti lir-rakkont msewwes tiegħu. Hu bniedem *pretentious* fejn kollu arroganza jiddikjara quddiem il-Qorti li l-mutur kien qed jokkupa *car parking bay* intera! Bhal li kieku ġie konċess lilu jagħmel dan għax it-triq tħalliet lilu f' xi wirt jew ingħata *encroachment* mill-Gvern fuqha! Min hu prudenti u modest jipparkja l-mutur fil-*MC parking bay* appożita u fin-nuqqas, ikollu d-diċenza li jipparkjah f'ġenb b'mod li ma jkunx inkonvenjent għal utenti oħra tal-istess triq.

Issa fir-rakkont tiegħu Schranz juża kelma partikolari u ċioè li Mifsud *"sfidah"*. Tassew għalhekk urta ruħu w aggredih għaliex fil-menti tiegħu, Schranz stenna li kellu dritt jipparkja bl-addoċċ u li ħadd ma jazzarda jikkuntrarjah. L-aggressività anke fin-nota li ħalla mal-vettura tal-vittma hi palpabbli *"DO NOT TOUCH THIS BIKE AGAIN!"*[26] Kif Mifsud *stood up to him* u urieh li mhux imbezza minnu, tilifha!

Ikkunsidrat,

[26] **Dok.CC** a fol.79

## In-Natura tal-Ġrieħi

Miċ-ċertifikati mediċi[27] jirriżulta li mill-Mosta Policlinic il-vittma, Felix Mifsud, ġie riferut l-Accident & Emergency Department, fl-Isptar Mater Dei. Hemmhekk ġie ċċertifikat li sofra offiżi gravi inkluż laċerazzjoni li ppenetratlu il-ġilda propju fir-rokna tal-għajn fejn il-kappell tal-għajn jingħaqad max-xoffa ta' taħt l-għajn (*medial cantus*).[28]

**Dr. Kimberly Caruana**, mill-Ophtalmology Department f'Mater Dei, spjegat, li meta hija eżaminat lil Felix Mifsud fil-31 ta' Diċembru, 2022, sabet li kellu *"haemorrhage jigifieri meta jkollok ftit demm fil-wicc tal-għajn fuq l-abjad, right cornea abrasion li tfisser li jkollok difett zghir fil-wicc tal-għajn cornea u* ***right laceration wound medial to the medial cantus jigifieri kien hemm penetration tal-gilda*** *li tiġi hawnhekk dan huwa l-medial cantus [corner of the eye ...fejn tmiss mal-imnieħer]...****ghamiltlu l-punti fis-sala stess****"*.[29]

Ikklassifikat in-natura tal-ġrieħi bħala *"****grievious*** *ghax meta jkollok* ***laceration of wound fil-wiċċ*** *jew fl-idejn tiġi klassifikata bħala grievous....tista' tħalli scar fejn hemm it-tiċrita il-bqija haemorraging jitlaq waħdu u l-abrasion taghlaq within 48 hours...Hi taghlaq imma jista jkun li f'każijiet* ***thalli scar*** *bħal meta tintlaqat jew tingiref"*.[30] Mill-eżami tal-viżta ma nstab xejn relatat mal-offiżi mġarrba.[31]

Ċertifikat ieħor eżebit hu dak maħruġ minn Lorraine Knight fis-7 ta' Jannar 2023, li fih jingħad li Mifsud sarlu *eye test "due to recent blunt trauma right eye"*.[32] Knight tispjega li apparti l-*blunt trauma*, l-emorraġija li kellu kienet kawża tad-dijabete, *diabetic retinopathy*.[33]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat *funditus* it-tipi ta' offiżi fuq il-persuna fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[34]

> 17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jgħid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza għal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes**

[27] Fol.11 u 12
[28] Fol.12
[29] Fol.62
[30] Fol.63-64
[31] Fol.65
[32] Fol.83
[33] Fol.90 per **Lorraine Knight**
[34] Per Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.; Appell Nru. 496/2015. Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019

**On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);

18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum għal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

> **B'mankament … fil-wicc, il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta għal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, iżda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk għaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali għal dawk l-estremitajiet tal-ġisem li solitament huma dejjem mikxufin u għaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura għal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok għal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza għal-diversi sentenzi

oħra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit oħra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem ieħor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-ġisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka għal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti oħra tal-ġisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti oħra tal-ġisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab ħtija ta' offiza gravi qed tinsab ħtija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2);

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Zachary Vella**, l-istess Qorti diversament preseduta kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x' tagħmel:[35]

> Illi fl-ahhar aggravju minnu intentat l-appellant jikkontendi illi l-ġrieħi sofferti mill-appellant ma jaqghux taħt id-dettami tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi s-snien ma jiffurmawx parti mill-wiċċ u ma jwasslux għall-elementi tal-isfreġju skont kif rikjest mill-liġi.
>
> L-appellant jiġi mixli u misjub ħati tar-reat tal-offiza gravi kif mahsub fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali:
>
> **216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –**
>
> **(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda millidejn tal-offiż;**
>
> Illi:
>
> **Skont l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi oħra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura għal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi**

---

35 Per Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.; Appell Nru. 46/2017; Seduta tat-3 ta' Mejju 2019.

**rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, tahti lok għal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skont l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali**[36]

Dan l-isfregju jikkonsisti f':

**B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta għal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).**[37]
[Sottolinjear ta' din il-Qorti]

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-parti leża mhux sempliċiment tilef żewġ sinniet ta' quddiem iżda sofra wkoll frattura fl-għadam ta' ħalqu li filfatt ikkaġuna l-ispostament ta' waħda mis-snien li eventwalment tilef.

Irriżulta mix-xhieda tad-dentist Chistopher Satariano kif ukoll mill-espert maħtur mill-Ewwel Qorti Dr. Pasqual Demajo illi apparti li ntilfu dawn is-snien irriżultat frattura fl-għadma tal-ħalq tal-parti leża li mix-xhieda prodotta ħadet iż-żmien sabiex taqleb ghall-aħjar. Wkoll kif ġie kkonfermat minn dan l-espert, dawn il-ġrieħi kienu kompatibbli mal-offiza sofferta f'dan l-incident u ma kien hemm l-ebda inċident ieħor li fiħ seta' kien involut il-vittma qabel dan il-każ li seta' ikkontribwixxa għad-deterjorazzjoni tal-ferita in kwistjoni. In oltre l-provi riskontrati kollha jikkonfermaw wkoll li l-vittma kellu diffikulta sabiex jiekol minħabba l-kundizzjoni tiegħu apparti effetti oħra psikoloġici.

Dan fil-fehma ta' din il-Qorti u fid-dawl ta' ġurisprudenza hawn fuq iccitata iwassal għal mankament fil-wicc, liema mankament jaqa' sewwasew fil-parametri tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement is-sejbien ta' ħtija a bażi ta' din id-disposizzjoni tal-ligi hija waħda legalment u raġjonevolment korretta u ser tiġi kkonfermata mill-ġdid minn din il-Qorti.

Apparti għaċ-ċertifikati mediċi, Mifsud ikkonferma wkoll riċevuta datata 7 ta' Jannar 2023 għal *eye test* u *fundus photography*, fl-ammont ta' 45 Ewro[38] u oħra datata 11 ta' Jannar 2023 maħruġa f'isem Felix Mifsud, għal Ophthalmic Review fl-ammont ta' €35;[39]

---

[36] **Pulizija vs Fortunato Sultana** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar il-5 ta' Frar 1998.

[37] **Pulizija vs Paul Spagnol** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996.

[38] **Dok.CC2** a fol.82

[39] Fol.84

Issa sa l-1 ta' Marzu, 2023 meta xehed il-vittma, il-Qorti setgħet tikkonstata personalment li *within talking distance* ma kien hemm l-ebda marka viżibbli.[40]

Għalhekk kawża tal-laċerazzjoni li sofra Mifsud fil-wiċċ, propju fir-rokna fejn l-għajn tmiss mal-għadma tal-imnieħer, il-Qorti issib li dawn il-ġrieħi kienu ta natura gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ġaladarba għal ftit żmien rriżulta l-sfreġju; il-wiċċ sofra deterjorament u kien hemm ħsara fir-regolarità tal-wiċċ meta kellhom isiru punti biex tissewwa l-laċerazzjoni li ppenetrat il-ġilda ta' wiċċu kif tiddeskrivi it-tabiba Caruana.[41]

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti issib li l-prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni addebitata lill-imputat.

<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>

Abbażi tal-istess provi prodotti fejn il-Qorti qed tagħti kredibbilita sħiħa lill-vittma Felix Mifsud, qed isib li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat kontemplat bl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Mifsud ikkonferma[42] l-*invoice* li nġabet mingħand l-Optika Opticians Pendergardens fejn l-istima hi dik komplessiva ta' tmien mija sitta u erbgħin Ewro (**€846).**[43]

**IL-PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat minfejn jirriżulta li kieku l-prosekuzzjoni addebitatlu r-reċidiva, tal-volta pruvata, l-imputat kellu jinstab ħati taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ġaladarba l-aħħar reat tiegħu jirrisali għall-Ottubru 2018. B'hekk m'hemmx dubbju li Bernard Schranz mhux xi *first-time offender.*

Il-pieni li jġorru magħhom ir-reati lilu addebitati u li dwarhom qed tinstab ħtija, jġorru magħhom piena ta' priġunerija bejn sena (1) u seba' (7) snin u tmien xhur (8) u erbatax (14) il-xahar rispettivament. Ittieħed kont tal-effetti tal-ġrieħi li sofra Mifsud fejn b'xorti tajba ġie meħlus minn tmiem aktar traġiku, kif ċertament kien ikun il-każ kienu baqa jsofri b'xi diżabilità fil-vista.

[40] Fol.33
[41] Fol.63-64
[42] Fol.25
[43] **Dok.CC1** a fol.80-81

Ġie ikkunsidrat kif sal-aħħar Schranz ma wera l-ebda rimors għall-għemil tiegħu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josef Camilleri**[44] ġiet ċitata deċiżjoni tal-istess Qorti, diversament preseduta, **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** [30.7.2004]:

> *"... bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika "*

Imbagħad intqal dan fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:[45]

> Fil-verità l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u għalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg ċar li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.[46]
>
> Illi huwa propju għalhekk illi għal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ......
>
> Illi huwa ċar li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tiegħu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg ċar li jservi ta' deterrent.[47]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa raġel adult u ta' certa esperjenza li pero għażel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; .....

---

[44] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

[45] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kumpilazzjoni Nru.711/2008

[46] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

[47] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

Lanqas ma jista' ma jitteħidx kont tal-kliem erudit tal-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-ġuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Pace:**[48]

> Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jiġi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

Ghalkemm hu minnu li l-imputat ma użax xi arma fil-kummissjoni tad-delitt, f'idejh kellu mazz ċwievet li servew skop daqslikieku kienet arma. Fortunatament iżda, l-konsegwenzi tal-għemil tiegħu ma ħallewx riżultanzi gravi kif jixhed il-vittma b'onesta u b'lealtà għall-verità w s-sewwa.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tqisx li piena karċerarja tkun waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi iżda uża ċ-ċwievet tiegħu bħala arma irregolari.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31 214, 215, 216(1)(b) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu, u tikkundannah **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A qed jiġu sospiżi għal <u>tlett (3) snin</u> millum.

Inoltre a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat sabiex fi żmien xahar (1) mill-lum iħallas l-ammont ta' <u>tmien mija, sitta u erbgħin ewro (€846)</u> lil Felix Mifsud bħala kumpens għal ħsara minnu kaġunata.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwix id-direttiva fuqu imposta kif kontemplata bl-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.

Finalment ai termini tal-Artikolu 15A(1) tal-Kodiċi Kriminali bħala kumpens għal għall-offiża gravi kawżata mill-imputat, tordna lill-imputat jikkumpensa lil Felix Mifsud fl-ammont ta' ħames mitt ewro **€500**.

---

[48] Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono; Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006, Att t'Akkuża Nru. 27/2003

Din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-vittma.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur tal-vittma Felix Mifsud għal żmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**